

# IL-PASSA TA' L-AGĦSAFAR

Il-passa hija wieħed mill-aspetti fil-ħajja ta' l-agħsafar li tgħaggeb lill-bniedem. Imma dan il-misteru mhux dejjem kien jiġi nterpretat tajjeb. Uhud kienu jaħsbu li meta l-Kudirross ma kienx jidher fix-xitwa dan kien jinbidel f'Pitirross. Fl-Ewropa tal-Punent kienu jaħsbu li l-Ħuttaf kien jgħodos fil-qiegħ tal-ġibjuni u joqgħod hemm fit-tajn għax-xitwa. Spjegazzjoni oħra , li llum naraw kemm kienet ħrafa, kienet li l-agħsafar kienu jtiru lejn il-qamar u peress li hemmhekk ma kinux isibu ikel, kienu jorqdu raqda twila sakemm jirritornaw l-istaġun ta' wara. Dawn kienu xi ftit mit-teoriji kif kienu jispjegaw il-misteri tal-passa ta' l-agħsafar meta ma kienx hemm tagħrif biżżejjed.

L-agħsafar huma 'warm blooded' bħall-bniedem u għalhekk jibqgħu attivi s-sena kollha. Hemm għasfur wieħed biss li hu magħruf li jorqod ix-xitwa kollha. Fix-xitwa l-agħsafar jevitaw li t-temperatura ta' ġisimhom taqa' aktar baxxa mill-livell aċċettat u għalhekk ipassu.



*Sturnell*

Meta fir-rebbiegħa, fil-pajjiżi ta' l-Ewropa ta' fuq, jibda jinħall is-silġ, u tinkixef l-art u jinkixfu ż-żrieragħ li kienu mgħottija mill-ħarifa ta' qabel, jibda jinbet il-ħaxix. Dan hu ambjent adattat għall-agħsafar li jsibu kwantita' ta' ikel biżżejjed biex ikunu jistgħu jżoqqu l-frieħ tagħhom. Il-ġranet ikunu twalu wkoll.

Il-passa fiha ħafna perikli bħal tempesti u nuqqas ta' ikel, iżda l-vantaġġi huma kbar. L-agħsafar ipassu biss jekk ikun jaqblilhom jagħmlu dan. Agħsafar ta' l-istess speci jistgħu jpassu minn post wieħed filwaqt li jibqgħu residenti f'post ieħor. Hekk, per eżempju, l-Isturnell jitlaq mill-Iskozja, iżda fin-nofs in-nhar ta' l-Ingilterra, ftit mill-Isturnell jitlaq lejn Spanja, waqt li oħrajn jibqgħu ġo l-Ingilterra.

Ma hemm ebda evidenza kif u meta bdiet il-passa ta' l-agħsafar, iżda uhud jaħsbu li l-passa bdiet meta fi Żmien is-Silġ dan beda jinħall u l-agħsafar bdew jitilgħu aktar 'l fuq iżda xorta baqgħu jinżlu 'l isfel għas-shana fix-xitwa.

Hemm erba' avvenimenti kbar fis-sena fil-ħajja ta' l-agħsafar tal-passa: il-passa tar-rebbiegħa, dik tal-ħarifa, żmien il-bejta u l-bdil bil-mogħod tar-rix (meta l-għasfur joħrof). Kull waħda minn dawn iddum xi gimgħat u dan hu żmien diffiċli għall-għasfur. Għalhekk hu ferm importanti li l-għasfur iqis sewwa ż-żmien meta jpassi fir-rebbiegħa. Jekk dan jasal kmieni fil-post fejn ikun se jbejjet jista' ma jsibx ikel biżżejjed kif ukoll jista' jiksaħ u jmut. Jekk jasal tard, iż-żmien biex ibejjet u joħrof jista' jkun qasir ħafna u mhux biżżejjed.

Il-ġibda naturali biex ibejjet u biex ipassi, kif ukoll il-process biex jibda joħrof huma stimulati minn glandoli li

jbiddlu l-kimika fil-ġisem ta' l-għasfur. Dawn jerħu ċerti kimiċi u jġiegħlu l-għasfur jagħmel dak li suppost jagħmel fit-tali żmien tas-sena. Xi esperimenti li saru kienu wrew li xi speċi ta' għasafar li kienu imqegħdin f'gaġġeg kbar biex jiġu osservati, wrew li dan l-arloġġ bioloġiku jista' jitressaq 'l quddiem u lura jekk it-tul tal-ġurnata jiġi mibdul b'mezzi ta' dawl artifiċjali.

Qabel ipassu l-agħsafar jieklu aktar mis-soltu. Dan jagħmluh istintivament permezz ta' l-arloġġ bioloġiku. Hemm evidenzi li l-ammont ta' xaħam li jkollu għasfur huwa direttament relatat man-numru ta' sigħat li dan l-għasfur se jdum itir bla waqfien u bla mistrieħ. F'certi każi għasfur jista' jirdoppja l-piż. Bagħal tas-Simar (Sedge Warbler) jista' minn 11.3 grammi jiżen 22.6 grammi fi ftit gimgħat qabel ipassi lejn in-nofs in-nhar ta' l-Ewropa. Huwa stmat li għasfur żgħir f'dan l-istat għandu riservi biżżejjed biex itir mingħajr mistrieħ bejn 60 u 90 siegħa.



*Kuda*



*Bagħal tas-Simar*

Id-distanzi li jagħmlu l-agħsafar fil-passa, jvarjaw skond l-ispeċi ta' l-għasfur. Għasfur li jpassi mill-Iskandinavja lejn il-Gran Brittanja, bħall-Isponsun, jagħmel ftit mijiet ta' kilometri, filwaqt li dawk li jħallu l-Gran Brittanja għat-Tramuntana ta' l-Afrika, bħall-Vjolin tax-Xitwa (Chiffchaff) u l-Kapinera (Blackcap), jagħmlu madwar 2400 kilometru. Il-Ħuttafa (Swallow) li tasal sa l-Afrika t'isfel tagħmel bejn 8000 u 9500 kilometru. Dawk l-agħsafar, bħaċ-Ċirlewwa ta' l-Artiku (Arctic Tern) ipassu mill-post fejn ibejtu fl-Artiku għall-Antartiku, vjaġġ ta' madwar 13,000 kilometru. Dan jagħmluh darbtejn fis-sena. Għasafar oħra, bħall-Kuda (Wheatear) jagħmlu vjagg ta' madwar 3200 kilometru f'titjira waħda bla waqfien, fuq il-baħar, meta jpassu minn Greenland għat-Tramuntana ta' Spanja.

Il-ħeffa li biha jpassu l-agħsafar tvarja wkoll skond l-ispeċi. Ġeneralment l-agħsafar iż-żgħar ma jagħmlux aktar minn 84 kilometru fis-siegħa. Dan ma jgħoddx għall-ħuttaf, ħawwief u l-isturnell li jtiru b'ħeffa akbar. L-isqra ipassu b' veloċita' ta' minn 48 sa 65 kilometru fis-siegħa. Mill-banda l-oħra, l-agħsafar tal-plajja (waders) u tax-xtajtiet ilaħħqu t-80 kilometru fis-siegħa. Il-borok (ducks) ilaħħqu mas-96 kilometru fis-siegħa. B'din il-ħeffa l-agħsafar itiru distanzi twal f'ġurnata waħda.



*Beggazzina tar-Rokka*

Sar magħruf li l-agħsafar jistgħu jtiru f'għoli ta' madwar 6000 metru, għalkemm il-biċċa l-kbira ta' l-agħsafar ipassu f'għoli ta' 900 metru.

Ġieli jkun hemm differenzi fit-tluq u l-wasla skond is-sess, iż-żmien u d-destinazzjoni ta' l-agħsafar. Bħal regola, l-irġiel jaslu fil-post fejn ikunu se jbejjtu ftit ġranet qabel in-nisa. Dan jgħinhom biex isibu territorju li minngħajru ma jkunux jistgħu jsibu s-sieħba. Fil-Ħarifa il-frieħ ġieli jpassu qabel ix-xjuħ. Iżda d-Daqquqa l-Kaħla (Cuckoo) x-xjuħ jitilqu qabel il-frieħ (peress li dawn l-agħsafar ibejtu fil-bejtiet ta' għasafar oħrajn).

Dawk l-agħsafar li jieklu l-insetti, bl-eċċezzjoni tal-ħuttaf, jibdew il-vjaġġ tal-passa tagħhom fil-għaxija, u kważi dejjem jinżlu l-art filgħodu kmieni. Dan jippermettilhom li jieklu matul il-ġurnata u fl-istess hin ikollhom aktar protezzjoni mit-tajr tal-priża. Dawk l-agħsafar li jieklu ż-żrieragħ, ipassu bi nhar; jitilqu filgħodu kmieni u jtiru għal ftit sigħat kontinwi. Dan hu possibli għax il-vjaġġ tal-passa tagħhom ma jinvolvix titjiriet twal fuq il-baħar.

Forsi wieħed mill-akbar misterji tal-passa ta' l-agħsafar huwa kif huma jirnexxilhom isibu triqthom minn fuq pajjiżi li qatt ma jkunu taru fuqhom. Waħda mill-possibiltajiet ta' kif l-agħsafar jirnexxilhom isibu triqthom hija li dawn jużaw ix-xemx u l-kwiekeb. Saru bosta esperimenti bl-isturnell biex jiskopru kif dawn isibu triqthom. Irriżulta li meta l-isturnell tpoġġew f'gaġġeg dawn dejjem kienu jħarsu lejn l-istess direzzjoni: dik li lejha l-isturnell ħieles kien qed ipassi - l-lbiċ. Barra minn hekk meta xi sturnell inqabdu minn post, waqt il-passa, u dawn intelqu f'pajjiż ieħor 'l bogħod, irriżulta li l-isturnell frieħ ta' l-ewwel sena, li qatt ma kienu passew qabel, komplew itiru lejn il-lbiċ, filwaqt li l-isturnell xjuħ, li ġa kellom esperjenza tal-passa, ikkoreġew id-direzzjoni tagħhom u taru lejn il-post fejn soltu jqattgħu x-xitwa. Dan l-esperiment wera li l-frieħ ta' l-isturnell jitwieldu bl-istint li jpassu lejn direzzjoni partikulari.

Mhux il-movimenti kollha ta' l-agħsafar jistgħu jitqiesu bħala passa. Bosta speċi ta' gawwi jitbegħdu f'direzzjoni bla regola. Il-Gawwi ta' rashom sewda jitilqgħu 'l fuq minn fejn ibejtu. Uħud iżda, jinżlu lejn in-nofs in-nhar waqt li oħrajn itiru lejn il-punent jew il-lvant.

Dan il-moviment ġeneralment jagħmluh dawk l-agħsafar li huma residenti bħal ma jagħmel il-Merill (Blue Rock Thrush) hawn Malta. Dan ikun qed jinfirex u mhux ipassi. Moviment ieħor ta' l-agħsafar li għadu mhux mifhum tajjeb wisq huwa l-eruzzjoni (eruption), u dan ukoll mhux passa. Xi speċi ta' għasafar li jbejtu fit-Tramuntana bħal Kruċjat (Crossbill), kultant iħallu l-boskijiet tal-prinjol fejn jgħixu u jerħula lejn in-nofs in-nhar u l-lvant. Dan jiġri kull tlieta jew erba' snin jew minħabba żieda kbira fil-popolazzjoni ta' dan l-għasfur jew minħabba nuqqas ta' ikel, jew minħabba t-tnejn. In-numru ta' l-agħsafar involuti f'dan iċ-ċaqliq ma jkunx dejjem l-istess. Xi drabi uħud jibqgħu fil-post il-ġdid u jbejjtu hemm. Għadu qatt ma ġie ppruvat jekk dawn l-agħsafar jergħux jitilgħu lura lejn il-post fejn twieldu u kienu jbejjtu.



*Kruċjat*

Meta wieħed jara dan il-fenomenu hekk kbir tal-passa ta' l-agħsafar li jirrikjedi tant sforzi u tant kalkoli, u li joffri tant spettaklu u tant studju, wieħed ma jistax ma jistmerx u ma jikkundannax il-qerda bla sens ta' tant agħsafar tal-passa, li wara li jkunu ffaċċjaw tant periklu u jkunu waslu f' pajjiżna qawwijin u sħaħ, jisfaw vittma ta' l-egoiżmu tal-bniedem.